

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.6557 – AGC Glass Europe/Interpane International Glas)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/C 121/11)

1. Fis-17 ta' April 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾, li permezz tagħha l-impriża AGC Glass Europe SA, ("AGC", il-Belġju), li hija kkontrollata minn Asahi Glass Co., Ltd ("Asahi", il-Ġappun) takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ b'mod konġunt tal-impriżi Interpane International Glas GmbH (il-Ġermanja) u Interpane Glass Holding AG (l-Isvizzera) (flimkien, "Interpane"), permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal AGC: il-produzzjoni u l-ipproċessar ta' ħġieġ ċatt għall-industrija tal-bini, tal-karozzi, għall-industrija solari u industrij speċjalizzati oħrajn,
- għal Asahi: ħġieġ, apparat elettroniku, skrinijiet, kimiki, ċeramika u operazzjonijiet oħrajn,
- għal Interpane: l-immanifatturar u l-ipproċessar ta' ħġieġ tal-arkitettura.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taq' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6557 – AGC Glass Europe/Interpane International Glas, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").